**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

## SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN, 24 TA' SETTEMBRU, 2001

*Avviz. Nru 649/01 AJD*

C. Fino & Sons Limited

vs

Pierre Caruana

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Awissu, 2001, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, erba' mija u tmienja u hamsin liri Maltin (Lm1,458.00) bilanc ta' somma akbar rappresentanti prezz ta' kcina Delia lilu mibjugha u kkonsenjata, u dana skond statement Dok. A.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-30 ta' Gunju, 2001, tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment ma' dan l-Aviz, tac-Cedola ta' Depozitu tal-Hodd Baraldi 900MM formanti parti mill-istess kcina, u bl-imghaxijiet legali mid-29 ta' Noembru, 1999, id-data tal-konsenja tal-kcina mibjugha skond l-istess Dok. A, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Henry Antoncich in rappresentanza tas-socjeta' attrici li kkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, erba' mija u tmienja u hamsin liri Maltin (Lm1,458.00) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru u tac-Cedola tad-Depositu ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR